

## IL-QORTI ĠENERALI

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-18 ta' Ġunju 2014 – Cantina Broglie 1 vs UASI – Camera di Commercio, Industria, Artigianato e Agricoltura di Verona (RIPASSA)**

(Kawża T-595/10) <sup>(1)</sup>

**[“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali RIPASSA — Trade mark nazzjonali verbali preċedenti VINO DI RIPASSO — Raġuni relattiva għal rifjut — Artikolu 75 tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Obbligu ta’ motivazzjoni”]**

(2014/C 253/33)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

### Partijiet

**Rikorrenti:** Cantina Broglie 1 Srl (Peschiera del Garda, l-Italja) (rappreżentanti: A. Rizzoli, avukat, ammess li jissostitwixxi lil A. Zenato)

**Konvenut:** L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: P. Bullock, aġent)

**Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI:** Camera di Commercio, Industria, Artigianato e Agricoltura di Verona (Verona, l-Italja)

### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI tat-30 ta' Settembru 2010 (Każ R 63/2010-1), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn il-Camera di Commercio, Industria, Artigianato e Agricoltura di Verona u Alberto Zenato

### Dispożittiv

- 1) Id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI) tat-30 ta' Settembru 2010 (Każ R 63/2010-1) hija annullata.
- 2) L-UASI huwa kkundannat għall-ispejjeż, inklużi dawk sostnuti fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell.

<sup>(1)</sup> ĠU C 72, 5.3.2011.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-18 ta' Ġunju 2014 – Spanja vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-260/11) <sup>(1)</sup>

**[“Sajd — Konservazzjoni tar-riżorsi ħajjin tal-baħar — Eċċess minn Spanja tal-kwoti tal-kavalli fiż-żoni VIII c, IX u X u fl-ilmijiet tal-Unjoni Ewropea tal-Copace 34.1.1 attribwiti għall-2010 — Tnaqqis fuq il-kwoti ta’ ħut allokat għas-snin 2011 sa 2015 — Drittijiet tad-difiża — Ċertezza legali — Aspettattivi leġittimi — Ugwaljanza fit-trattament”]**

(2014/C 253/34)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

### Partijiet

**Rikorrent:** Ir-Renju ta' Spanja (rappreżentanti: inizjalment N. Díaz Abad u L. Banciella Rodríguez-Miñón, sussegwentement M. Sampoll Pucurull u Banciella Rodríguez-Miñón, abogados del Estado)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Bouquet, F. Jimeno Fernández u D. Nardi, aġenti)

### Suġġett

Talba għall-annullament tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 165/2011, tat-22 ta' Frar 2011, li jipprovdi għal tnaqqis minn ċerti kwoti tal-kavalli allokatu lil Spanja għall-2011 u fis-snin sussegwenti minħabba s-sajd żejjeđ fl-2010 (ĠU L 48, p. 11).

### Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Ir-Renju ta' Spanja għandu jbati l-ispejjeż tiegħu kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.

<sup>(1)</sup> ĠU C 211, 16.07.2011.

### Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-24 ta' Ġunju 2014 – Unister vs UASI (Ab in den Urlaub)

(Kawża T-273/12) <sup>(1)</sup>

*(“Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja verbali Ab in den Urlaub — Trade mark li tikkonsisti fi slogan pubbliċitarju — Raġuni assoluta għal rifjut — Assenza ta' karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Assenza ta' prova ta' karattru distintiv miksub bl-użu — Artikolu 7(3) tar-Regolament Nru 207/2009”)*

(2014/C 253/35)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

### Partijiet

Rikorrenti: Unister GmbH (Leipzig, il-Ġermanja) (rappreżentanti: H. Hug u A. Kessler-Jensch, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentanti: D. Walicka u R. Pethke, aġenti)

### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI tat-3 ta' April 2012 (Każ R 2150/2011-1), dwar applikazzjoni għal reġistrazzjoni tas-sinjali verbali Ab in den Urlaub bħala trade mark Komunitarja.

### Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Unister GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 243, 11.8.2012.